# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 21**

**Rikors Numru 226/12 JRM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**v.**

**Charmaine Saliba, kif rapprezentata stante li assenti mill-Avukat Henry Antoncich u l-P.L. Joanna Dingli bħala kuraturi Deputati appuntati b'digriet tas-6 ta' Jannar, 2012 u b'digriet tat-28 ta' Gunju 2016 il-P.L. Joanna Dingli giet sostitwita bil-P.L. Veronica Rossignaud**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li s-socjetà rikorrenti HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezentat fl-1 ta' Marzu, 2012, li fih jinghad hekk:

> "Illi permezz ta' kuntratt ta' self u kompro-vendita fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi datat 18 ta' Settembru 2003 (Dok HSBC1 hawn anness) l-intimata Charmaine Saliba giet konfermata debitur tal-Bank rikorrent;
>
> "Illi ghalkemm saru diversi pagamenti l-intimata baqghet debitur tas-socjeta` rikorrenti;

> "Illi ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt u s-socjeta` rikorrenti qeghdha permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimata ghall-bilanc li ghadu dovut;
>
> "Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn … li jkun qieghed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati mahtura sabiex jirraprezentaw lill-assenti Charmaine Saliba li fiha jinghad hekk:

> "1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dan ir-Rikors u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw ir-Risposta opportuna fi stadju ulterjuri.
>
> "2. Illi fi kwalunkwe kaz, il-Bank rikorrent ghandu jopprezenta rendikont dettaljat bid-"diversi pagamenti" li l-patrocinata taghhom ghamlet."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Settembru, 2012, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi cahdet it-talba tal-Bank rikorrent, bl-ispejjez, ghaliex saret qabel waqtha u b'hekk m'hijiex misthoqqa fid-dritt.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija azzjoni biex kuntratt pubbliku jkun dikjarat eżegwibbli. Il-Bank rikorrent irid jerġa' jirrendi eżekuttiv l-imsemmi kuntratt ta'

faċilita' bankarja minħabba li għaddew aktar minn tliet snin minn meta kien pubblikat u minħabba li d-debitriċi intimata għadha ma ħallsitx id-dejn tagħha miegħu;

"Illi l-intimata hija rappreżentata f'Malta minn Kuraturi Deputati li ma jafu xejn dwar il-każ;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-każ jirriżulta li b'kuntratt pubbliku tat-18 ta' Settembru, 2003, fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi, il-Bank rikorrent ta lill-intimata faċilita' bankarja (self) ta' ħdax-il elf u mitejn lira Maltija (Lm 11,200[1]) biex biha setgħet tikseb l-immobbli (garage) hemm imsemmi[2];

"Illi fl-4 ta' Diċembru, 2009[3], il-Bank interpella lill-intimata b'ittra uffiċjali biex tħallas l-arretrati li kienu waqgħu lura mill-ħlasijiet miftehma taħt l-imsemmija faċilita' u għarrafha li jekk kemm-il darba tonqos li taġġorna l-ħlas sa żmien ħmistax-il (15) jum, kien ikollha tħallas il-bilanċ kollu li kien għadu dovut skond l-imsemmija faċilita'. B'ittra uffiċjali oħra tat-22 ta' Diċembru, 2010[4], għall-finijiet tal-artikoli 265(2) u 253(b) tal-kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-Bank talab lill-intimata tħallas il-bilanċ kollu li sa dak iżżmien kien għadu ma tħallasx flimkien mal-imgħax miġmugħ fuq dak il-bilanċ sad-19 ta' Ottubru ta' qabel;

"Illi din il-kawża nfetħet fl-1 ta' Marzu, 2012. Sa April ta' din is-sena, l-Bank rikorrent kien għad fadallu jiġbor mingħand l-intimata €29,487.74 bħala somma kapitali fuq l-imsemmija faċilita' u €6,800 f'imgħax;

"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali dwar din l-azzjoni jintrabtu ma' n-natura tal-azzjoni nnifisha li l-Bank rikorrent espressament rabat mal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi l-imsemmi artikolu tal-liġi huwa maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258;

---

1 Li jġibu €26,088.98 fi flus tal-lum

2 Dok "HSBC1", f'paġġ. 2 – 9 tal-proċess

3 Dok "HSBC2", f'paġ. 20 tal-proċess

4 Dok "HSBC3", f'paġ. 31 tal-proċess

"Illi xieraq jiġi iċċarat minnufih li t-talba ewlenija tal-Bank rikorrent hija dik li jirrendi eżegwibbli l-kuntratt pubbliku ta' self mogħti lill-intimata u għalhekk jgħoddu għall-każ id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tal-imsemmi artikolu. Dan jistabilixxi ż-żmien ta' tliet (3) snin minn dak inhar li fih skond il-liġi il-kuntratt sata' jkun eżegwit. F'dan ir-rigward jidher li l-Bank rikorrent m'huwiex għal kollox ċert fil-pożizzjoni li qiegħed jieħu. Dan qiegħed jingħad għaliex qiegħed jiġġustifika l-ftuħ ta' din il-proċedura speċjali taħt l-artikolu 258 "stante li għaddew iżjed minn tlitt snin mid-data ta' l-istess kuntratt". Huwa ċar li, għall-finijiet tal-imsemmi artikolu, ż-żmien preskritt ma jibdiex għaddej mid-data tal-kuntratt, iżda minn dak inhar li kuntratt bħal dak ikun sar eżegwibbli;

"Illi l-liġi tqis bħala titolu eżekuttiv, fost l-oħrajn, il-kuntratti rċevuti min nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt[5]. Biex kuntratt jew titolu bħal dak ikollu effett eżekuttiv, il-liġi trid li jintbagħat att ġudizzjarju lid-debitur b'sejħa għall-ħlas u jkunu għaddew minn tal-anqas jumejn min-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju[6]. Minn dak il-ħin 'l hemm, it-titolu jkun jista' jkun eżegwit bil-ħruġ tal-atti eżekutivi maħsuba fil-liġi bla ma jeħtieġ proċeduri oħrajn jew xi sentenza li tikkonferma li dak il-kuntratt sar eżegwibbli;

"Illi fejn, bħal fil-każ tal-lum, kuntratt ikun ħalaq id-dejn iżda ma jkunx iddetermina sa minn dak inhar meta d-dejn ikun dovut jew ikun stabilixxa ċirkostanza jew ċirkostanzi fejn il-bilanċ isir jista' jintalab minnufih qabel iż-żmien li jkun ingħata, l-att ġudizzjarju msemmi jservi biex jirrendi d-dejn bħala wieħed dovut, minbarra li jkun ikkonferma ċ-ċertezza tiegħu u l-likwidazzjoni mitluba mil-liġi[7];

"Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-Bank rikorrent ressaq żewġ atti ġudizzjarji kontra l-intimata. L-ewwel darba (f'Diċembru tal-2009) biex jitlob lill-intimata ġġib il-ħlasijiet regolari u biex twaqqaf iż-żmien tal-preskrizzjoni. It-tieni darba (f'Ottubru tal-2010) l-ittra uffiċjali saret speċifikatament għall-fininjiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. In-notifika, fiż-żewġ każijiet saret skond ma jrid l-artikolu 187(3) tal-istess Kodiċi, jiġifieri bil-pubblikazzjoni u bl-affissjoni. Fil-każ tat-tieni att ġudizzjarju jidher li dan il-proċess ħa ħafna iżjed minħabba li n-notifika saret fl-

[5]Art. 253(b) tal-Kap 12
[6] Art 256(2) tal- Kap 12
[7] P.A. JZM 4.6.2012 fil-kawża fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Small Properties Limited et

> aħħar mill-aħħar wara li nħatru l-Kuraturi Deputati b'degriet mogħti fis-6 ta' Jannar, 2012[8];
>
> "Illi, għalhekk, il-kuntratt sar eżegwibbli fit-13 ta' Jannar, 2012 (jiġifieri jumejn wara n-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju lill-Kuraturi Deputati) u għalhekk, fis-sewwa, t-tliet snin li jissemmew fl-artikolu 258(ċ) bdew għaddejjin minn dak inhar u mhux minn dak inhar li kien ippubblikat il-kuntratt fl-2003;
>
> "Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jfisser li ma hemm xejn x'iżomm lill-Bank rikorrent milli jeżegwixxi l-imsemmi kuntratt bil-mod maħsub fil-liġi u, b'mod partikolari, jidher li t-talba tiegħu f'din il-proċedura saret qabel waqtha.
>
> "Ladarba l-proċedura maħsuba fl-artikolu 258 tgħodd biss meta jkun għalaq iż-żmien li titolu eżekutiv ikun għadu eżegwibbli u sewwasew biex jingħata l-provvediment biex jerġa' jsir eżegwibbli mill-ġdid, jiġi li din il-proċedura ma tistax tintuża fejn iż-żmien imsemmi dwar it-titolu eżekuttiv li jkun ma jkunx għadu għadda kollu. Fi kliem ieħor, il-proċedura taħt l-artikolu 258 ma hix tajba biex jintalab it-tiġdid tal-eżegwibilita' ta' titolu eżekuttiv meta dak it-titolu għadu eżegwibbli. Il-Qorti ma tridx taħseb li l-Bank rikorrent dar għal din il-proċedura biex ikollu sentenza li tikkanonizża d-dejn, għaliex il-ħsieb tal-artikolu 258 m'huwiex dak li tiddikjara lill-parti intimata debitriċi (għalkemm tista' tintuża biex tistabilixxi kemm mid-dejn reklamat fit-titolu eżekuttiv ikun għadu dovut), iżda biss biex tirrendi t-titolu eżegwibbli mill-ġdid. Fejn it-titolu huwa eżegwibbli u għadu m'għaddiex iż-żmien tal-effettivita' tiegħu, ma hemmx bżonn tar-rimedju taħt l-imsemmi artikolu 258;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-bank rikorrent HSBC Bank Malta p.l.c.ipprezentat fis-17 ta' Ottubru, 2012, u li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata tas-27 ta' Settembru, 2012, fl-ismijiet precitati u minflok tiddeciedi li tilqa' t-talba tal-bank rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-intimata.

---
[8] Dok f'paġ. 33 tal-proċess

Rat ir-risposta tal-Avukat Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli fil-kwalità taghhom ta' kuraturi deputati tal-assenti Charmaine Saliba, li in forza taghha u ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li tigi ikkonfermata s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Settembru, 2012, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellant.

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2016 din il-Qorti laqghet it-talba tas-17 ta' Gunju, 2016 li permezz tieghu l-kuratur Dr. Henry Antoncich informa l-Qorti li fil-frattemp mietet il-kuratur P. L. Joanna Dingli u talab is-sostituzzjoni taghha u ordnat li tigi sostitwita bil-prokuratur legali li jmissu t-turn.

Rat li l-partijiet qablu li jistriehu fuq l-atti bil-miktub u iddikjaraw li l-appell jista' jibqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' kuntratt ta' self u kompra-vendità fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi tat-18 ta' Settembru, 2003, l-intimata Charmaine Saliba giet konfermata debitur tal-Bank rikorrenti fis-somma ta' Lm16,000

(ekwivalenti ghal €37,269.97). L-istess kuntratt fost affarijiet ohra, jipprovdi:

> "*The loan is for a fixed term. However, if an Event of Default (mentioned hereunder) takes place, any sum outstanding to the Bank shall be immediately due and payable (together with all charges and expenses), all rights appertaining to the Bank shall be excercisable and all security shall become enforceable. In such event, the Customer shall lose the benefit of time granted to her for payment and this without the necessity of any other proceeding.*
>
> *"The Events of Default referred to above are the following: … … …*
>
> *"(b) any failure by the Customer to pay any sum due whether of principal, interest, fees or charges, due by her under the deed of loan and/or sanction letter and in the manner stipulated in the deed of loan and/or sanction letter;*
>
> *"(c) any failure by the customer to repay or discharge in full any of her indebtedness (whether owed as principal or surety) to the Bank or any other party;"*

Mill-atti jirrizulta li filwaqt li d-debitrici ghamlet numru ta' pagamenti, l-ahhar wiehed sar f'Awwissu 2009. Sussegwentement ir-rikorrent ressaq ittra ufficjali fl-4 ta' Dicembru, 2009, fejn talab lid-debitrici l-hlas tal-arretrati tal-pagamenti dovuti lilu sa dak il-mument fuq dan id-dejn, kif ukoll avzaha li skont l-istess kuntratt hija kienet ser titlef il-beneficcju tat-terminu f'kaz li tibqa' moruza, sabiex b'hekk is-somma bilancjali ta' €32,683.53 issir dovuta, jekk kemm-il darba ma ggibx il-pagamenti arretrati in regola.

Peress li d-debitrici baqghet mhux notifikata, il-Bank talab li ssir in-notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), permezz tal-

pubblikazzjoni u affissjoni. Sussegwentement sar rikors sabiex jinhatru kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Charmaine Saliba u wara l-hrug tal-bandi u fin-nuqqas li deher xi hadd biex jaccetta l-kurazija, permezz ta' digriet tas-6 ta' Jannar, 2012 kienu nominati l-kuraturi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Saret ittra ufficjali ohra fit-22 ta' Ottubru, 2010, li permezz taghha, l-kuraturi deputati kienu notifikati bl-istess ittra ufficjali, fejn saret l-interpellazzjoni ghall-hlas u li fin-nuqqas il-bank avza li kien ser jiehu passi ulterjuri in ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tieghu.

Il-proceduri odjerni nbdew permezz tar-rikors datat l-1 ta' Marzu, 2012, bl-ewwel Qorti tichad it-talba ghat-tigdid tal-esekuzzjoni tal-kuntratt peress illi, skont hi, kienet prematura.

L-appellanti jikkontendi li l-aggravju tieghu huwa fis-sens li t-terminu tat-tliet snin kellu jitqies illi jiddekorri mid-data tal-kuntratt u ghalhekk isegwi li t-talba taghhom ma kenitx intempestiva. Il-kuraturi appellati jikkontendu li l-ezekuzzjoni setghet issir biss wara li jghaddu jumejn min-notifika b'ittra ufficjali u mhux qabel.

In tema ta' legislazzjoni jigi puntwalizzat illi skont l-Artikolu 253(b) tal-imsemmi Kap. 12, "*huma titoli esekuttivi … l-kuntratti rcevuti minn nutar*

*pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt.*"

L-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 jipprovdi li:

> "*l-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor (mhux sentenza) ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju".*

Filwaqt li l-Artikolu 258(c) tal-istess Kap. 12, jipprovdi li:

> "*wara …l-gheluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) … tal-artikolu 253 …seta' gie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."*

Wara li din il-Qorti fliet l-argumenti mressqa mill-kontendenti fil-kawza, hi tal-fehma li t-tezi tal-bank appellant hi dik korretta, fis-sens li kuntratt notarili ta' self dwar dejn likwidu, cert u dovut, bhal dak in ezami, huwa fih innifsu titolu ezekuttiv, li fil-verita` jista' jigi ezegwit biss wara li tkun giet notifikata ittra ufficjali kif jipprovdi l-Artikolu 256(2) hawn fuq imsemmi. Madankollu huwa ritenut li t-terminu tat-tliet snin jibdew jiddekorru minn dakinhar tal-kuntratt u mhux minn meta l-kreditur jiddeciedi jipprezenta l-ittra ufficjali.

Dan qieghed jinghad ukoll fuq l-iskorta tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Marzu, 1993, fil-kawza fl-ismijiet **Nobbli Mario Galea Testaferrata noe v. Maria armla ta' John Borg**, fejn kien ritenut illi:

> "*"Ghandu jigi osservat l-ewwelnett, illi t-tliet snin li jsemmi l-artikolu huwa terminu ta' dekadenza u mhux wiehed ta' preskrizzjoni, u dan ghaliex l-effikacja tat-titolu esekuttiv tispicca wara li jghaddu tliet snin u biex dak it-titolu jerga jiehu effikacja, jista jigi rinnovat biss bil-ministeru tal-Qorti wara citazzjoni- kien x'kien l-origini ta' dak it-titolu, inkluzi s-sentenzi ta' l-istess qrati. Ghalhekk jidher li dan hu principju ta' ordni pubbliku inkwantu l-ligi timponi kontroll gudizzjarju ghall-esekuzzjoni ta' dak li hija tirrikonoxxi bhala titoli li ghandhom il-qawwa li jesigu l-ghajnuna tal-forza gudizzjarja biex jipprevali d-dritt li gie kristallizat fit-titolu;*
>
> "*It-tieni osservazzjoni hija, li l-frazi "seta' jigi esegwit" tirreferixxi ghat-titlu li seta' jigi esegwit; jigifieri meta t-titolu tal-kreditur jakkwista l-potenzjalita' ta' esekuzzjoni. Minn dik il-gurnata li dan l-akkwist isir – it-titolu huwa esegwibbli basta li dik l-esekuzzjoni ssir matul il-perjodu ta' dik il-potenzjalita' – tliet snin. L-ittra ufficjali hija l-bidu ta' l-attwazzjoni ta' dik il-potenzjalita', hija l-ewwel pass fl-attwazzjoni ta' dik il-potenzjalita' esekuttiva tat-titolu. Huwa manifest illi t-titolu "seta jigi esegwit"* ***anki qabel ma l-kreditur kuntrattwali ma jiddeciedi li jesegwixxi*** *jekk il-kuntratt jiddikjarah kreditur, u sa minn dik il-gurnata li huwa jkun hekk gie ddikjarat….L-interpellazzjoni ghalhekk mhix hlief parti mir-ritwalità ta' l-esekuzzjoni ta' certi titoli u mhux it-titolu nnifsu li min jippossedih jista' jghaddi biex jesegwih fil-perjodu determinat mil-ligi;*"
>
> (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).

Din il-Qorti thaddan fis-shih dak appena enuncjat u meta tapplikah ghall-kaz in ezami issib li f'din il-kawza wkoll, li kuntrarjament ghal dak li ntqal mill-ewwel Qorti, it-terminu ta' tliet snin kellu jibda jiddekorri mid-data tal-kuntratt ta' self tat-18 ta' Settembru, 2003. Ghalhekk ma taqbilx u ma jsegwix li t-talba f'dawn il-proceduri saret qabel il-waqt. Altrimenti t-terminu jisfa wiehed soggettiv, dipendenti fuq ir-rieda tal-kreditur. Mentri huwa ritenut li l-validita` ta' titolu ezekuttiv u t-terminu relattiv, ghandu

jkun wiehed oggettiv indipendentement mir-rieda tal-kreditur. Fin-nuqqas, kif osservat din il-Qorti fil-kaz citat qabel:

> "*il-kreditur ikun l-arbitru ta' principju ta' ordni pubbliku – it-terminu - u dan mhuwiex koncepibbli.*"

Ghalhekk huwa meqjus li l-aggravju tal-Bank appellant huwa gustifikat u jsegwi li l-appell tieghu jimmerita l-akkoljiment fis-shih.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell billi tilqghu u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Settembru, 2012, u minflok tilqa' t-talba tal-bank rikorrent, u ghalhekk tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li hu l-kuntratt bejn il-partijiet tat-18 ta' Settembru, 2003, fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi, ghall-bilanc li ghadu dovut.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez kollha tal-procediment jibqghu a karigu tal-intimata.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df